KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 29

**Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Dott. Daniel John Attard – Sindku
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier (segwa onlajn minħabba li kien marid)
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Kyle Mifsud – Viċi Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 29.1 Qari tal-Apoloġiji

29.1.1 Is-SE infurmat li eżatt qabel bdiet il-laqġħa kienet irċeviet email mingħand il-Vċi Sindku għaliex inqabad fuq xogħol. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 28

29.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

29.2.2 Il-minuti tas-seduti numru 28 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 29.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

29.3.1 Is-Sindku informa li kien għamel kommunikazzjoni mal-Perit Vassallo u dan talbu biex il-Kunsill jibgħat talba lil TM dwar id-dħul u ħruġ mill-Bypass għall-Imtarfa.

29.3.2 Is-Sindku informa li kienet intbgħatet kommunikazzjoni lil TM biex Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello ssir fuq direzzjoni unika ('il fuq). Huwa talab lis-SE biex tibdel il-kumment tal-folder fuq FB minħabba li din biex issir one way 'il fuq biss.

29.3.3 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu ffirmaw ftehim għall-iffinanzjar tal-progett tal-foresta tal-frott.

29.3.4 Is-Sindku informa li kienu għadhom għaddejja diskussjonijiet dwar il-proġett tal-pjazza, li jinkorporaw il-knisja, tneħħija tal-ħnejjiet, materjal li se jintuża, eċċ. Huwa wera kopja tal-pjanta bit-tisbiħ li se jsir f'din l-ewwel fażi. It-tieni fażi se tkun fuq xogħol bejn il-*Visitors Centre* u t-Torri tal-Arloġġ.

29.3.5 Is-Sindku informa li kienet se tibda entità ġdida fl-Imtarfa, li kienet tikkonsisti minn grupp ta' żeffiena, A&R Stars Dancers. Is-SE se tieħu ħsieb li tweġibhom u tilqahom fil-komunità f'isem il-Kunsill Lokali kollu.

29.3.6 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar ix-xogħlijiet fuq l-arloġġ, is-SE infurmat li kienet qed tistenna lill-kuntrattur tal-M&E's ilesti x-xogħlijiet tal-elettriku u *floodlights*. Barra minn dan, jonqos li l-kuntrattur tar-restawr ilesti l-esensjoni tas-sellum u t-tieqa għall-kamra tal-makkinarju li huma xogħlijiet *extra* li se jitħallsu mill-Kunsill. Hawnhekk is-Sindku talab lis-SE tikkonferma li max-xogħlijiet tal-M&E's għandhom isiru wkoll dwal tal-emerġenza mat-tul kollu tat-taraġ u dawl fil-cubicle tal-injam biex wieħed jara ġewwa meta jittawwal mit-twieqi.

29.3.7 Għall-mistoqsija tas-Sindku, is-SE infurmat li x-xogħol fuq il-*Visitors Centre* rega' tkompla wara li ġie ċċertifikat li t-twin walls mhumiex permeabbli. Hija spjegat li l-binja se tkun

tikkonsisti minn sala għall-esebizzjonijiet, sala fejn jintwerew il-filmati li tesa madwar 48 persuna, store u żewġ latrini pubbliċi.

29.3.8 Sadanittant, minħabba li x-xogħol kien waqaf għal diversi ġimgħat, hija kienet irċeviet talba oħra mingħand il-kuntrattur tal-bini sabiex ikun hemm estensjoni ulterjuri fuq ta' qabel. Il-Kunsill fehem li x-xogħol ma setax jitkompla minħabba t-testijiet li kienu qed isiru u għaldaqstant kien hemm qbil li l-estensjoni tiġi approvata.

29.3.9 Sadanittant is-SE infurmat li kienet bagħtet talba lill-MA għal aktar fondi minħabba li fil-preżent, il-Kunsill ma kellux flus biex ikompli dan il-proġett.

29.3.10 Is-Sindku informa li kien irċieva ittra min-naħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat dwar il-persentaġġi tal-ħasijiet proposti għall-vettura għall-użu tal-Pulizija tal-Komunità. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibgħat risposta lura fejn jinforma li se jkun qed jibqa' mal-proposta oriġinali tiegħu li jħallas l-10% tal-kirja fix-xahar.

## 29.4 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' kull kwart (Jannar – April 2021)

29.4.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-rapport finanzjarju permezz tal-*email*. Is-SE infurmat li l-Kunsill kien miexi sewwa u li m'hemm xejn aktar x'tirraporta.

## 29.5 Memorandum ta' Ftehim dwar il-Ħaxix Selvaġġ

29.5.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja ta' MoU li kien intbagħat minn l-Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta sabiex il-Kunsill Lokali jidħol fi ftehim magħhom li ma jinqatax il-ħaxix selvaġġ fit-toroq mhux urbani u s-*soft areas* sabiex nipproteġu n-naħal. Il-Kunsill qabel li minħabba li m'għandux toroq mhux urbani, għandu jkun biss osservatur.

## 29.6 Ftehim ġdid dwar il-ġabra ta' skart riċiklabbli

29.6.1 Is-SE infurmat li l-kuntratt li l-Kunsill kellu mal-iskema tal-GreenMT kien skada f'Mejju li għadda. Sadanittant hija kienet ħadet ħsieb li tibgħat kommunikazzjoni liż-żewġ skemi sabiex jgħaddulha l-proposti tagħhom. Hija infurmat li l-GreenPak kienu reġgħu ma bagħtu ebda proposta filwaqt li l-GreenMT kienu bagħtu l-proposta tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandha tmexxi mal-Iskema GreenMT.

## 29.7 Skema ta' Mobilità – *Community Electric Van*

29.7.1 Is-SE infurmat li meta kienet qed tiddiskuti l-ispeċifikazzjonijiet tal-vann, ġiet infurmata li kien hemm possibbiltà li l-Kunsill jagħżel bejn 5 jew 7 seater. Hija infurmat li għalkemm jesa inqas, min-naħa tagħha kienet qed tissuġġerixxi li l-Kunsill imur għal 5 seater għaliex kien hemm differenza sostanzjali fil-prezz. Hija infurmat ukoll li fuq l-applikazzjoni, ma kien hemm ebda indikazzjoni li l-Kunsill kien qed jipproponi 7 seater, ħlief għall-prezz li jissemma' bħala €40,000. Wara diskussjoni fuq iż-żewġ opzjonijiet, il-Kunsill qabel li għandu joħroġ offerta għal van 7 seater minħabba l-possibbiltà li jaqdi aktar residenti fl-istess waqt.

## 29.8 Skema 2021-2022 biex isir ingaġġ ta' Uffiċjal tal-Komunità Steward Għat-Trattament Xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex

29.8.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja ta' kommunikazzjoni dwar din il-proposta. Sadanittant kienet ġiet avviċinata wkoll mill-Kunsill Lokali tar-Rabat biex issir applikazzjoni waħda flimkien mal-Kunsill tal-Imdina u Ħad-Dingli. Il-Kunsill qabel.

## 29.9 Ċirkulari AKL 2020/078 – Kontroll fuq il-Ħamiem Selvaġġ

29.9.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja ta' ċirkulari fejn l-AKL kienu qed jinfurmaw li ngħataw il-fondi biex ikun hemm miżura ta' kontroll ta' ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet. L-AKL kienu se jkunu qed joħorġu offerta huma stess sabiex il-Kunsilli jagħmlu użu minn dan is-servizz mingħajr ebda ħlas.

## 29.10 Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello

29.10.1 Is-SE infurmat li kienet għadha għaddejja b'kommunikazzjonijiet mal-Periti u rappreżentanti ta' IM dwar ix-xogħlijiet għaddejja fuq it-telgħa tal-Imtarfa għalkemm għadha ma ġietx mogħtija informazzjoni dwar data ta' meta qed jistennew li jitlestew ix-xogħlijiet. Sadanittant imma kien hemm żvilupp pożittiv għaliex l-aħħar parti tat-triq kienet ġiet mogħtija l-ewwel saff ta' tarmak.

## 29.11 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

29.11.1 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li ż-żewġ settijiet ta' CCTV's kienu twaħħlu. Waħda weħlet mal-binja tal-Kunsill u tagħti għal fuq Triq ir-Reġimenti Maltin u oħra tagħti għal fuq il-bring in site ta' Triq Gregorio Carafa.

29.11.2 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li kienet se tiġi varata s-sistema ta' permessi onlajn. Kienet se tinżamm konferenza stampa nhar it-30 ta' Ġunju fl-10:00am.

29.11.3 Hija infurmat li l-varar tal-Ktejjeb tar-Reġjun hija mmirata li ssir nhar it-3 ta' Settembru.

29.11.4 Hija infurmat ukoll li bħalissa r-Reġjun kien qed jaħdem fuq tours virtwali madwar il-lokalitajiet tiegħu.

## 29.12 Punti Oħra

29.12.1 Is-SE infurmat li kellha talba mingħand resident sabiex juża s-sala tal-Kunsill fuq bażi ta' uffiċċju personali għalih. Hija infurmat li kienet ikkonsultat il-kuntratt u jidher li paragrafu 3 jgħid li l-Kunsill ma setax jidħol f'arranġamenti simili ma' terzi (kopja tal-kuntratt mehmuż).

29.12.2 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari tal-AKL dwar tqegħid ta' siġġijiet u mwejjed fejn qed iħeġġu lill-Kunsilli sabiex jiffirmaw MoU biex il-ħwienet tal-ikel ikunu jistgħu jużaw iż-żona biswit il-ħanut tagħhom biex iservu lill-klijenti tagħhom. Dan il-ftehim kien se jdum sal-aħħar ta' Settembru 2021 jew sat-tneħħija tar-restrizzjonijiet kontra l-Covid-19. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi ffirmat.

29.12.3 Fuq talba tas-Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmel talba lill-HA għal eżenzjoni mill-ħlas tal-kera għall-klabb tal-futbol.

29.12.4 Is-SE infurmat li aktar kmieni dakinhar kienet inħarġet Direttiva Nru 02/2021 – Contracts (Community Works) Managers li kienet qed tissostitwixxi d-direttivi l-oħra kollha dwar l-istess suġġett. Din kienet qed tippermetti lill-Kunsilli Lokali li jimpjegaw Contracts Manager fuq bażi full time fuq skala 11. Hija infurmat li l-Kunsill kellu wkoll il-possibbiltà li jifforma parti minn grupp mar-Reġjun. Sadanittant fakkrek li l-Kunsill kellu diġà permess min-naħa tal-JobsPlus biex jimpjega persuna fuq bażi part time. Għaldaqstant il-Kunsill talab lis-SE sabiex titlob eżenzjoni u l-Kunsill ikun jista' jipprosegwi bil-permess għal *part timer*.

29.12.5 Is-SE infurmat li kienet attendiet għal laqgħa ma' rappreżentanti tal-LESA fejn dawn urew l-interess li jibdew jissorveljaw is-CCTV cameras li għandu l-Kunsill sabiex jinqabdu dawk il-persuni li jkunu qed joħorġu l-iskart barra l-ħin jew mhux fil-ġurnata. Hija infurmat li dan ma kien se jiswa ebda flus lill-Kunsill u kien hemm involut biss ftehim bejn il-Kunsill u l-LESA minħabba l-informazzjoni tad-data. Il-Kunsill qabel.

29.12.6 Sadanittant infurmat li hi u l-Konsulent Ekoloġiku tal-Kunsill kellhom laqgħa ma' rappreżentanti ta' Ambjent Malta fejn waqt spezzjoni li għamlu fir-rigward tal-fondi li ngħataw lill-Kunsill fi skema preċedenti, dawn kienu offrew li jkomplu x-xogħol ta' tindif, qtugħ ta' siġar mejta u *shredding* fil-parti t'isfel tal-bosk sabiex ukoll tkun tista' tiġi stabbilita rotta jew passaġġ minn fejn jgħaddu r-residenti bil-mixi. Minħabba li ġie speċifikat li x-xogħol huwa pjuttost urġenti għaliex possibbilment għandu jsir hekk kif it-triq qegħda magħluqa, Ambjent Malta qablu li x-xogħol jinbeda nhar it-Tnejn 28 ta' Ġunju. Huma kienu offrew ukoll li jgħaddu għadd ta' arbuxelli u siġar indiġeni lill-Kunsill u flimkien mal-Konsulent Ekoloġiku se jassiguraw li jiġi kreat '*green corridor'* sabiex jippromwovi l-insetti tad-dakra u jagħmel tajjeb għall-qlugħ tas-siġar tal-ewkaliptus. Hawnhekk hija infurmat li minħabba dan il-proġett kbir, se jkun hemm bżonn ta' xi sigħat ta' sorveljanza u direzzjoni min-naħa ta' *monitor* ekoloġiku f'isem il-Kunsill Lokali sabiex nassiguraw li x-xogħol jimxi b'konsistenza u sabiex isir sew mill-ewwel. Fuq suġġeriment tas-Sindku, kien hemm qbil li s-SE għandha tara ma' AM jekk jistgħux iħallsu ta' dan is-servizz min-naħa tagħhom.

29.12.7 Hija infurmat ukoll li kif kienu fil-lokalità, kienet saret żjara oħa ma' AM, f'partijiet differenti tal-lokalità, eżattament fi Triq is-27 ta' April u Triq San Alessi. Hija infurmat li kienu interessati li jagħmlu proġett ta' tħaddir b'siġar indiġeni f'dawn iż-żewġ postijiet.

## 29.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

29.13.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 6/2021), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier propona l-approvazzjoni filwaqt li l- ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 29.14 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

29.14.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7pm u ġiet aġġornata għat-22ta' Lulju fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 22ta' Lulju 2021.

| | |
|---|---|
| Dr Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |